MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 671/2008

**L-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b' digriet tal-20 ta' Awwissu 2008 gew nominate bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Al Khat Al Azraq Shipping ta' Benghazi, Libya.**

**kuraturi deputati biex jirrapresentaw lil Al Karabat Import & Export Company ta' Benghazi, Libja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukati Dottor Michael Grech u George Hyzler bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Unilever plc ta’ Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit datat l-1 ta’ Lulju 2008 a fol 1 tal-process fejn bil-gurament taghhom jesponi:-

Illi s-socjeta` attrici Unilever plc ta’ Port Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit, hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji “SIGNAL”, “DOVE”, “SUNSILK”, “FAIR & LOVELY”, u “BRUT”, liema marjki huma wzati mis-socjeta attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal *shower gels, kremi, shampoos, toothpastes, moisturisers, hair creams, deodorants* u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”,“C”, “D”, “E”, “F”, “G” u “H;

Illi s-socjeta attrici hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta industrijali ta’ l-istess markji “SIGNAL”, “DOVE”, “SUNSILK”, “FAIR & LOVELY”, u “BRUT” fil-komplessita taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No 18163, Trademark No 24930 (Dok “A”), Trademark No 34642 (Dok “B”), Trademark No 34643 (Dok “C”), Trademark No 14200 (Dok “D”), Trademark No 14201 (Dok “E”), Trademark No 15565 (Dok “F”), Trademark No 12035 (Dok “G”), u Trademark No 11159 (Dok “H”), u dan kollu ai termini tal-**artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, liem markji huma wkoll irregistrati bhala Trademark Komunitarja mal-“Office for Harmonization in the Internal Market” ta’ l-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht in-numri 04248738, 004014734, 003997608, 005238571, 004315826, 002556967 u 0929095;

Illi jirrizulta illi fit-18 ta’ Gunju 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “IRAN ZANJAN”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ prodotti li jgibu l-marjku “SIGNAL”, “DOVE”, “SUNSILK”, “FAIR & LOVELY”, u “BRUT” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu tat-

toothpaste, (ii) elfejn sitt mija u erbghin (2,640) tubu tat-toothpaste, (iii) hames mija sitta u sebghin (576) vazett intensive cream, (iv) erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) tubu total fairness cream; (v) erbat elef sitt mija u tmien (4,608) vazett hair cream; u (vi) disa' mija u sittin (960) flixkun deodorant b'Container Numru IRSU 2531760 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru IRSL/ECL1377W/OFA/4212 (Dok "J") jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala Al Khat Al Azraq Shipping ta' Benghazi, Libya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma Blue Line Shipping ta' Dubai, UAE;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projbit skont l-**artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta attici skont l-**artiklu 2 (1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-Kap 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju "SIGNAL", "DOVE", "SUNSILK", "FAIR & LOVELY", u "BRUT" u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici skont l-**artiklu 2 (1) (b) tal-istess Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attirici skont l-**artiklu 2 (1) (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' proprjeta intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta attrici;

Illi din il-konsenja ta' prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap**

**414** wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (kopja ta' l-applikazzjoni immarkata bhala (Dok 'I').

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skont l-**artiklu 2 (1) (a) u (b) tal-Kap 414**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu tat-toothpaste, (ii) elfejn sitt mija u erbghin (2,640) tubu tat-toothpaste, (iii) hames mija sitta u sebghin (576) vazett intensicve cream, (iv) erbat elef tlett mija u ghoxrin (4,320) tubu total fairness cream; (v) erbat elef sitt mija u tmien (4,608) vazett hair cream; u (vi) disa' mija u sittin (960) flixkun deodorant b'Container Numru IRSU 2531760, da parti tas-socjeta konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artiklu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artiklu 4 ta' l-istess Kap. 414**, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici bin-numri 18163, 24930, 34642, 34643, 14200, 14201, 15565, 12035 u 11159 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artiklu 21(a) u (b)**

**tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici bin-Numri 18163, 24930, 34642, 34643, 14200, 14201, 15565, 12035 u 11159 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademark Komunitarju Numru 04248738 registrat f'isem is-socjeta attrici (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja))**;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu il-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skont l-**artiklu 8 tal-Kap 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini ta' l-**Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, fil-konfront tas-socjeta attrici;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap 414.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u hdax-il dokument (11) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "K" kif jidhru a fol. 9 sa fol. 24 tal-process.

Rat id-digriet datat 20 ta' Awwissu 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Jannar 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar

stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 18 ta' Novembru 2008 (fol. 54) fejn ecceppew:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mas-socjeta` assenti konvenuta.

2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-attrici kollha indikati fir-rikors guramentat huma kontrafatti u/jew jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-affarijiet mertu ta' din il-kawza gew realment ordnati mis-socjeta` konvenuta;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument anness tal-istess kuraturi a fol. 54 - 56 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michale Grech gahs-socjeta` attrici li iddikjara m' ghandux provi iktar.' Deher Dr. Richard Sladden li nforma l-Qorti li pprova jikkomunika mal-entita` konvenuta izda baqa bla risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta' Gunju 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "IRAN ZANJAN", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-marjku "SIGNAL", "DOVE", "SUNSILK", "FAIR & LOVELY", u "BRUT" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu tat-*toothpaste*, (ii) elfejn sitt mija u erbghin (2,640) tubu tat-*toothpaste*, (iii) hames mija sitta u sebghin (576) vazett *intensive cream*, (iv) erbat elef tliet mija u ghoxrin (4,320) tubu total *fairness cream*; (v) erbat elef sitt mija u tmien (4,608) vazett *hair cream*; u (vi) disa' mija u sittin (960) flixkun *deodorant* b'*Container* Numru IRSU 2531760 u li tali oggetti gew mizmuma mill-ufficjali tad-Dwana fuq suspett m'humiex genwini (affidavit ta' George Agius – Dok. "MG 7" datat 18 ta' Novembru 2008 – fol. 50), u b'hekk ikunu dahhli Malta minkjejja il-projbizzjoni tal-**artiklu 4 tal-Kap 414**; fil-fatt jirrizulta li minn ezamijiet li saru fuq kampjuni tal-istess merkanzija din irrizultat li hija kontrafatta kif jidher mid-dokumenti kollha annessi man-nota attrici datata 17 ta' Novembru 2008 u in partikolari ir-rapport ta' Stephen Francis Beale datat 18 ta' Awissu 2008 Dok. "MG6" – fol. 49) u ghalhekk, hlief li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici ghaliex ma hemmx bzonn taghha, tilqa' t-talbiet attrici, b'dan li ghall-fini tas-sitt talba attrici jirrizulta li l-ammont ta' spejjez ghad-distruzzjoni tal-istess oggetti ghandu jinkludi s-somma ta' €4,846.91 kif indikat f'Dok. "MG 1" (fol. 68) u Dok. "MG2" sa Dok. "MG 3".

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**tal-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tal-Kap 414**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) dsatax-il elf u mitejn (19,200) tubu tat-*toothpaste*, (ii) elfejn sitt mija u erbghin (2,640) tubu tat-*toothpaste*, (iii) hames mija sitta u sebghin (576) vazett *intensive cream*, (iv) erbat elef tliet mija u ghoxrin (4,320) tubu total *fairness cream*; (v) erbat elef sitt mija u tmien (4,608) vazett *hair cream*; u (vi) disa' mija u sittin (960) flixkun *deodorant* b'*Container* Numru IRSU 2531760, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artiklu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-**artiklu 4 ta' l-istess Kap. 414**, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici bin-numri 18163, 24930, 34642, 34643, 14200, 14201, 15565, 12035 u 11159 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**artiklu 21(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici bin-Numri 18163, 24930, 34642, 34643, 14200, 14201, 15565, 12035 u 11159 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarju Numru 04248738 registrat

f'isem is-socjeta attrici (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)**);

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skont l-**artiklu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-hames (5) talba ghaliex ma hemmx bzonnha;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-**Kap 414** nkluzi dawk fuq indikati fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u sitta u erbghin ewro u wiehed u disghin centenzmu (€4,846.91).

Bl-ispejjez kontra l-entita` konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------